MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1349/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Michael u Jane mizzewgin Debono.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi in forza ta’ zewg kuntratti datati 25 ta’ Frar, 1999 in atti Nutar Dottor Angelo Vella (Dok. “A” u “B”) is-socjeta’ attrici kkoncediet “Loan u Overdraft Facilities” lis-socjeta’ M A Supermarkets Limited.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ M A Supermarkets Limited fis-somma ta’ mija u tnejn u hamsin elf u tmienja u erbghin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm152,048.77) (Dok “C1 sa C3”, “D1 sa D4”, “E1 sa E127”, “F1 sa F140”, “G1 sa G200”, “H1 sa H68”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

U illi permezz taz-zewg kuntratti fuq imsemmija u cioe’ dawk tal-25 ta’ Frar 1999 in atti Nutar Dottor Angelo Vella (Dok. “A” u “B”), u ghall-iskritturi privati datati 8 ta’ Marzu 1999 (Dok. “I”), u 26 t’Ottubru 1999 (Dok. “J”), il-konvenuti Michael u Jane mizzewgin Debono iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ M A Supermarkets Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-Dokument Z anness mal-kuntratt datat 25 ta’ Frar 1999 in atti Nutar Dottor Angelo Vella fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ M A Supermarkets Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet inadempjenti f-obbligi ohra minnha assunti fl-istss kuntratt sopraindikat, (c) ma hijiex fl-istat li thallas il-kedituri taghha fiz-zmien pattwit, u (d) l-istess socjeta’ waqfet topera n-negozju taghha u/jew, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ M A Supermarkets Limited li jipperikolaw u/jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu, u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

U illi l-konvenuti gew nterpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru 2001 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “K”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-Dokument Z anness mal-kuntratt datat 25 ta’ Frar 1999 in atti Nutar Dottor Angelo Vella fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ M A Supermarkets Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet inadempjenti f-obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, (c) ma hijiex fl-istat li thallas il-kredituri taghha fiz-zmien pattwit, u (d) l-istess socjeta’ waqfet topera n-negozju taghha u/jew, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ M A Supermarkets Limited li jipperikolaw u/jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu, u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

2. Tikkundanna lil Michael u Jane mizzewin Debono ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tnejn u hamsin elf u tmienja u erbghin Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm152,048.77) bilanc ghad-debitu fid-diversi kontijiet bankarji tas-socjeta’ M A Supermarkets Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 sa C3”, “D1 sa D4”, “E1 sa E127”, “F1 sa F140”, “G1 sa G200”, “H1 sa H68”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament; u

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru 2001 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa mill-P.L. Joseph Zammit, I.D. 19834(G) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-7 ta’ Frar, 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi kwantu jirrigwarda l-konvenuta Jane Debono, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kunsens taghha fuq il-garanzija personali tas-26 ta' Ottubru 1999 kien vizjat b'qerq, stante illi inghatat l-impressjoni li kienet qeghda terga' tiffirma dokumenti, cioe' garanzija mill-gdid, li pero' kienet tirrigwarda l-istess self ta' mitt elf lira (Lm100,000), li kien diga inghata lis-socjeta' MA Supermarkets Ltd u li ghaliha kienet gia tat garanzija, cioe' giet indotta tifhem li dik kienet l-istess garanzija li kienet qed tigi ripetuta, cioe' ghal xi raguni iffirmata mill-gdid, u mhux fuq somma differenti cioe' self addizzjonali ghal dak li kienet gia iggarantit ghalih personalment.

2. Illi s-socjeta attrici naqset li tiehu azzjoni adegwat kontra s-socjeta MA Supermarkets Limited jew l-istracarju ta' dik is-socjeta, stante illi huma d-debituri principali, u s-socjeta attrici kellha l-obbligu li tiehu azzjoni legali kontra taghhom qabel ma jiehu azzjoni legali kontra l-konvenuti u b'hekk jitlob li s-socjeta MA Supermarkets Limited jew l-istracarju ta' dik is-socjeta jigu kjamati in kawza skond kif din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-bank attur qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti

jhallsu l-ammonti ndikati fic-citazzjoni a bazi tal-garanzija personali li huma ffirmaw ghad-dejn tas-socjeta' MA

Supermarkets Limited li taghha l-konvenut huwa direttur. Il-konvenuti qed jeccepixxu illi ma kinux jafu li li kienu qed jiffirmaw garanzija illi testendi dik li gia' kienu ffirmaw ghaliha fi Frar 1999 izda hasbu li kienu qed jissostitwixxu dik b'ohra li kienu appuntu qed jiffirmaw fis-26 ta' Ottubru, 1999.

Huwa fatt li originarjament is-socjeta' in kwistjoni kienet isselfet mill-bank attur is-somma ta' mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) – sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) self u l-bqija *overdraft*. Skond kif jirrizulta mill-provi anke fil-kawza fl-ismijiet inversi li qed tigi deciza llum, din il-facilita' ta' *overdraft* inqabzet b'sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) ohra u ghalhekk intalbet garanzija personali ulterjuri biex tkopri dan l-eccess.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi fuq imsemmija, hija ssib diffikolta' tifhem kif il-konvenuti ppretrendew li jiffirmaw garanzija personali meta l-*overdraft* gie eccedut mis-socjeta' MA Supermarkets Limited b'sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) u li din il-garanzija tkopri biss l-eccess. Minn imkien ma rrizulta li l-bank tahom din l-impressjoni u jekk kellhom din l-impressjoni huma ma jistghux jitfghu t-tort fuq il-bank. Jekk huwa hekk dan kien non-kuranza taghhom stess u allura kien messhom hadu parir legali. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijet Navarro vs Baldacchino (28 ta' Frar, 2003) *tali non-kuranza ma tistax tigi kondonata u lanqas premjata billi l-Qorti taccetta l-assunt fuq dak li seta' haseb* (f'dan il-kaz) *il-konvenut li kien fih il-kuntratt meta dan invece mill-apparenza tieghu kien jikkontjeni terminu u kondizzjonijiet precizi. Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghandu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti. Ir-raguni mbaghad tiddetalu, una volta kellu kopja tal-kuntratt illi jezamina sewwa l-kuntratt u mhux jaghtih*

*semplici hemza biex jekk dan ma kienx jirrifletti l-verita' jattira l-attenzjoni fuq daqshekk..*

Billi l-Qorti ghalhekk cahdet it-talbiet tal-konvenuti li l-garanzija tigi dikjarata *nulla* fil-kawza in kwistjoni din il-kawza ma tippresenta ebda diffikolta' ghaliex il-konvenuti ma kkontestaw b'ebda mod it-talbiet attrici hlief ghar-ragunijiet li dwarhom il-Qorti iddecidiet fl-istess kawza u lanqas b'xi mod ikkontestaw l-ammont dovut.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha tal-bank attur.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------